MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2013

Numru. 1197/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Chris Pullicino**
**Spettur Geoffrey Azzopardi**

**VS**

**Johann Calleja, iben Joseph u Carmen nee' Amaira, imwieled Tal Pieta' nhar id-9 ta' Settembru, 1985, minghajr indirizz fiss, detentur tal-karta tal-identita' numru 459585M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsmemi **Johann Calleja** li gie akkuzat talli:

1. Nhar id-9 ta' Novembru, 2012, ghalll-habta ta' nofsinhar, minn gewwa residenza numru 12, Gilji Bojod,

Sqaq Bir l-Iljun, Rabat, Malta, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok, bil-persuna, u bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u sar ghad-dannu ta' Fr Adrian Cachia u/jew persuna/i ohra;

2. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-13 ta' Novembru, 2012, u fil-granet ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-13 ta' Novembru, 2012 u fil-granet ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini Avviz Legali 22/1985 kif emendati;

4. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-13 ta' Novembru, 2012 u fil-granet ta' qabel din id-data, kellu fil-pusess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-

disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

6. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-13 ta' Novembru, 2012, u fil-granet ta' qabel din id-data, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli kkommetta diversi reati/delitti li ghalihom hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv tas-

sentenza sospiza, liema sentenza hija definttiva u datata 18 ta’ Frar, 2009.

Rat illi fi stadju ta’ interrogatorju, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu (folio 13).

Rat illi l-imputat, aktar tard fil-mori ta’ dawn il-proceduri, irregistra ammissjoni li fil-fatt ikkonferma.

Rat ukoll il-Kontro Ordni tal-Avukat Generali taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mal-Kontro Ordni, taht liema hemm ukoll mahsub li tista’ tinstab htija, u cioe’:

a. Fl-Artikoli 261(b)(c)(d)(e), 263, 264, 265, 267, 268(b), 269(g), 278(3), 279(b), 280(2), u 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. Fl-Artikoli 28A, 28B, u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c. Fl-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d. Fl-Artikoli 17, 23, 23A, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-imputat ghal proceduri sommarji.

Il-Qorti, nonostante l-ammissjoni ri-affermata tal-imputat, hasset illi xorta ghandha tezamina l-provi prodotti, biex tifhem il-fatti kif graw, il-gravita’ taghhom, u x’wassal lill-akkuzat ghal dawn il-proceduri.

Il-fatti jittrattaw dwar serq ta’ flus mill-imputat minn dar ta’ kenn offruta lilu minn Patri Adrianu Guzeppi Cachia. Dan fil-fatt xehed illi kien laqa’ ghandu lill-imputat ghax dan kien qallu li ma kellux fejn joqghod. Fir-residenza fejn laqghu kien hemm nies ohra bi problemi. Fil-kamra tieghu kellu s-somma ta’ circa €20,000(ghoxrin elf Ewro). Qal illi kif insterqu l-flus, naqas mir-residenza anke l-imputat flimkien ma’ certu Anthony Galea, hemm residenti wkoll. Johann Calleja gie fil-fatt arrestat minn go lukanda, wara investigazzjoni kondotta mill-Ispettur Geoffrey Azzopardi. Xehed ghalhekk dan l-Ispettur illi kien sabu gewwa r-

Rafael Spinola Hotel, kif indikat lilu minn Anthony Galea. Hemm sabu fil-kamra bil-qieghda fuq pultruna fil-kantuniera f’injection f’idu lest biex jittaqqab f’saqajgh. Sablu hemm pakkett ta’ trab abjad, diversi siringi wzati, u ticpis ta’ dmija ma’ kullimkien. Sablu wkoll €2,000(elfejn Ewro) f’erba’(4) karti tal-hames mitt Ewro (€500)-il wahda.

Xehed ukoll Anthony Galea, illi kellu l-kawza tieghu li gia’ ghaddiet in  gudikat. Ikkonferma li hu mal-imputat kien ghand il-Patri. Qal illi kien l-imputat li ha l-flus. Xehed illi dawn il-flus nefquhom fi droga u f’lukandi. Xehed illi bhala droga hadu kokaina, ecstasy, u eroina; u li haduha flimkien - cioe’ hu u l-imputat. Qal ukoll illi kien l-imputat illi kien jakkwista d-droga. Qal illi Johann Calleja kien igib id-droga minn xi post gewwa Bormla, waqt illi hu kien joqghod bil-qieghda jistennieh.
Ma kinx jaf jghid kemm kien ihallas ta’ din id-droga.

Xehed certu Andre’ Cutajar. Qal illi kien jaf dwar il-flus li Johann kien seraq minghand il-Patri ghaliex qallu hu stess. Qal illi meta mar jiltaqa’ maghhom (Galea nkluz), ra u sab hafna flus, dan gewwa l-Intercontinental. Semma li hu mar jixtri l-esctasy ma’ Christine – l-gharusa tal-imputat, imbaghad regghu marru l-lukanda msemmija. Xehed anke li kienu fir-Rafael Hotel. Qal illi hu ha kokaina u kien tahielu l-imputat. Xehed ukoll illi bhala droga gewwa Rafael Spinola, barra kokaina kien ra wkoll ecstasy u eroina – dejjem meta kien mal-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta ben car il-htija tal-imputat, anke tenut kont tal-ammissjoni tieghu. Fil-fatt il-Qorti ssib htija wara li rat:

- L-Artikolu 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- L-Artikolu 31 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; l-artikolu 22, 22(1)(b), 22(2)(b) tal-Ewwel Skeda tal-kapitlu 101.
- Fl-Artikoli 261(b)(c)(d)(e), 263, 264, 265, 267, 268(b), 269(g), 278(3), 279(b), 280(2), u 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

- Fl-Artikoli 28A, 28B, u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Fl-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Fl-Artikoli 17, 23, 23A, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Qiest dwar il-piena, illi l-imputat ma hux gdid ghall-hajja ta’ reita’; gia’ gie punit b’sentenza sospiza li kiser u anke b’habs effettiv, ukoll fil-konfront ta’ serq minnu kommess precedentement. Pero s’issa ma tghallem ebda lezzjoni, anzi baqa’ jippersisti fl-izbalji, oltre li ttradixxa l-fiducja moghtija lilu mill-Patri li offrielu hajt ta’ kenn u saqaf taht rasu meta kellu bzonn.

Illi xejn u ftit ghandha xi tghid izjed din il-Qorti, hlif illi dwar il-piena, tikkundannah ghal habs effettiv ta’ hames (5) snin, u ghal multa ta’ €5,000 (hamest elef Ewro).

Tattiva wkoll ai termini ta’ l-artikolu 28B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta it-terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2).

Tinnota li ma tistax tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga, stante li din qatt ma giet ezebita lilha.

Tordna wkoll illi l-flus ezebiti lilha mar-relazjoni ta’ PS 198 Arthur Debattista ghas-somma ta’ elfejn erba’ mija u tlieta u erbghin Ewro u erbghin centezmu (€2,443.40), jigu rilaxxati lill-Patri Adrianu Cachia.

Tordna wkoll illi l-imputat ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal €527.68, u dan wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------